**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** _______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:*

# It-Tren



Konna tnejn fl-istess vagun tal-ferrovija li kienet qiegħda teħodna Ruma. Dik il-ġurnata nzertat kesħa kbira u x-xita, li kienet ilha nieżla minn sbiħ il-jum, donnha ma riditx tieqaf. Mit-twieqi kbar tal-vagun wieħed seta' jara s-sema mudlam u griż. U n-nies kollha fl-istazzjonijiet kienu mgeżwrin fil-kowtijiet biex jipproteġu lilhom infushom mill-burraxka li kienet qiegħda taħkem fuq il-pajjiż. Madankollu, fil-vagun it-temperatura kienet sħuna u komda. Mhux ta' b'xejn li, ftit wara li kont irkibt, waqgħet fuqi ħedla kbira u ħadt nagħsa ħelwa li ma ngħidlekx! (*par. 1*)

Il-passiġġier li kien biswiti, mill-banda l-oħra, ma kellux kwiet. Kull darba li t-tren kien jieqaf f'xi stazzjon kien iqum jiġri, jittawwal mit-tieqa u jaqra b'leħen għoli l-isem tal-post fejn inkunu qegħdin. Imbagħad, kien jieħu nifs 'il ġewwa u b'ħarsa fuq wiċċu li kienet taqsamlek qalbek, kien jerġa' jmur ipoġġi f'postu. Wara li rrepeta din il-proċedura kollha għal seba' jew tmien darbiet, ma flaħtx aktar, għax l-imġiba tiegħu bdiet tinkwetani, u fis staqsejtu: "Ġralek xi ħaġa? Tħossok ma tiflaħx?" (*par. 2*)

B'ħarsa ta' niket il-passiġġier bil-labar f'ġismu qalli: "Le, le. Ma ġrali xejn. L-unika ħaġa li qiegħda tinkwetani hi li dan il-vagun qiegħed jeħodni fid-direzzjoni opposta ta' fejn irrid immur jiena. Kelli ninżel biex inbiddel it-tren iktar minn siegħa ilu. Imma dan il-vagun tant hu sħun u komdu li m'għandix kuraġġ noħroġ minnu. . . Hemm wisq kesħa barra u hawn qiegħed komdu wisq!" (*par. 3*)

Kultant, f'ħajjitna, jidhrilna li l-bidla ġġib magħha wisq tbatija u sagrifiċċji. Għaldaqstant, nippreferu ma niċċaqalqux minn fejn inkunu anke jekk dan ifisser li ma nagħmlux dak li nafu li hu sewwa u tajjeb. Nippreferu nibqgħu għas-"sħana". Meta jiġri hekk, aħna nħallu lil ħaddieħor jeħodna fejn irid hu, anke jekk dan ifisser li qatt ma jirnexxilna naslu għall-vera paċi li nkunu tant nixtiequ. (*par. 4*)

*(Addattament minn **R +M 2000**, Mejju 2006 )*

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

1. Fejn kien sejjer it-tren li jissemma fl-istorja?

   It-tren kien sejjer________________________________ . (marka)

2. Kif kien it-temp dakinhar?

   ______________________________________________________________________ (marka)

3. X'kienu lebsin in-nies li kienu qegħdin jistennew fl-istazzjonijiet? Għaliex kienu lebsin hekk?

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (2 marki)

4. Kif kienet it-temperatura tal-vagun fejn kien l-awtur?

   ______________________________________________________________________ (marka)

5. Semmi żewġ affarijiet li beda jagħmel il-passiġġier li kien hemm ma' l-awtur kull meta kien jieqaf it-tren?

   Dan kien: (i) ______________________________________________

   (ii) ______________________________________________ (2 marki)

6. Għaliex il-passiġġier l-ieħor ma niżilx mit-tren meta kellu jinżel?

   ______________________________________________________________________ (marka)

7. Skond l-awtur, x'tista' ġġib magħha l-bidla?

   ______________________________________________________________________ (marka)

8. X'jiġri meta aħna ma nbiddlux l-attitudni tagħna biex nibqgħu għas-"sħana"?

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (marka)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Mill-verb **jieqaf** *(par. 2)* noħorġu n-nom verbali ***waqfa*** jew in-nom verbali ***waqfien***.

   Oħroġ nom verbali minn **telaq:** ____________ u minn **wasal:** ____________ (2 marki)

2. Oħroġ ***nom denominattiv*** mill-kelmiet li ġejjin. (Ara l-eżempju):

   Minn **xiħ** niktbu **xjuħija** u minn **pur** niktbu **purità**.

   - Minn **tajjeb** niktbu ____________________
   - Minn **komdu** niktbu ____________________ (2 marki)

3. In-nom **imġiba** (*par. 2*) hu ***nom mimmat*** li ġej mill-verb **ġab.**
   Oħroġ nom mimmat minn dawn il-kelmiet li ġejjin:

   (a) **ħabb** - ____________________ ; (b) **qadef** - ____________________ (2 marki)

4. Aħna ngħidu **flixkun inbid** u **xkora dqiq**. Xi ngħidu għal dawn il-kelmiet li ġejjin

   (a) ___________ żebgħa ; (b) _______________ sulfarini. (2 marki)

5. In-nom **ħsieb** hu ***nom astratt*** għaliex ma jaqax taħt is-sensi tagħna.
   Agħmel sing taħt in-nom astratt f'din is-sentenza:
   It-tren li kien sejjer Ruma kien għaddej b'veloċità qawwija minn qalb il-kampanja. (marka)

6. Imla l-vojt skond l-għerq mogħti wara l-ispazju. (Ara l-eżempju.)

   It-tren kien miexi fuq linji tal-**<u>ħadid</u>** (ħ-d-d). Mill-_____________ (ħ-ġ-ġ) tat-twieqi stajt nara x-xita nieżla imma ma stajtx nara x-xemx minħabba s-________ (s-ħ-b). (2 marki)

7. Il-frażi **sbiħ il-jum** (*par. 1*) hi frażi fl-***istat kostrutt***. Qiegħed fl-istat kostrutt il-frażi li ġejja:

   il-mara ta' l-imgħallem: ______________________________________________ (marka)

## LESSIKU / VOKABULARJU

8. Il-kelma ***burraxka*** *(par. 1)* tfisser :
   (a) xkupa tal-lanżit ____; (b) xita qawwija ____; (ċ) marda qalila ____. (marka)

9. Kelma mit-tielet paragrafu li tfisser **dwejjaq** hi :_________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

10. Il-frażi ***Il-passiġġier li kien biswiti*** *(par. 2)* turi li dan il-passiġġier kien jinsab :
    (a) ħdejn ____ ; (b) wara_____ ; (ċ) faċċata ta' ____ l-awtur. (marka)

11. Il-kelma ***rrepeta*** *(par. 2)* qiegħda tirreferi:
    (a) għall-awtur___ ; (b) għall-passiġġier l-ieħor___; (ċ) għas-sewwieq tat-tren ___.
    (marka)

12. Il-frażi **bil-labar f'ġismu** *(par.3)* turi li l-passiġġier kien bla______________________.
    (marka)

13. Flok il-kelma **jidhrilna** *(par. 4)* nistgħu niktbu l-kelma ____________________. (marka)

**SINTASSI**

14. Aqleb f'diskors indirett:
    B'ħarsa ta' niket, il-passiġġier qalli: "Le, le. Ma ġrali xejn."

    ______________________________________________________________________

    ______________________________________________________________ (2 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

1. Fisser l-idjomi b'sing taħthom:
   (a) Il-pulizija **ta daqqa t'id** lix-xwejħa sabiex ittella' l-bagalji tagħha fuq it-tren.

   ______________________________________________________________

   (b) Malli niżel mit-tren u sab ruħu f'dik il-folla kbira, ħass ruħu **bħal ħuta barra mill-ilma**.

   ______________________________________________________________ (2 marki)

2. Il-passiġġier żbalja meta ma niżilx fl-istazzjon fejn kellu jinżel għax issa kien se jieħu triq għal xejn. Il-Malti jgħid:

   ***Min jarra moħħu,*** _____________________________________________ (2 marki)

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar **50 kelma**.



(a) L-Aġenzija *Vjaġġi Maltin* se torganizza ġita ta' ħamest ijiem f'Ruma. Min imur se jkollu opportunità jżur ħafna postijiet sbieħ f'din il-belt. Ikteb ***riklam*** għal din il-ġita. Tinsiex issemmi l-ġranet tal-ġita, il-prezz, xi postijiet li se jżuru dawk li se jmorru u informazzjoni utli oħra.

**JEW**

(b) Xi ħbieb tiegħek waslu mill-Ingilterra u int tħajjart teħodhom iżuru xi postijiet ta' interess li juru l-kobor ta' l-istorja u tal-kultura ta' art twelidek. Irrakkonta x'ġara dakinhar.

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** (8 marki)

Ikteb madwar **50 kelma** fuq *wieħed* mis-suġġetti li fittixt dwarhom għall-proġett ***Idea ta' Lingwa*** biex turi x'tgħallimt.

| F. LETTERATURA | (30 marka) |
|---|---|

(i) **Nadriet**

1. Aqra din il-poeżija ta' **Dun Karm** u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:


Rużar Briffa

**Poeta**
**(lil Rużar Briffa)**

Ġibuli r-rand, ir-rand li jħaddar dejjem,
ħa nqiegħed żewġ rimjiet bl-ilma xebgħana
dwar ir-ras taż-żagħżugħ poeta tagħna.

Kif l-ilma ġieri minn ġol-blat ifawwar
ħafif u bnin, hekk ħelu jġelben l-għana
minn sider iż-żagħżugħ poeta tagħna:

Sebaħ jittajjar għasfur qalbieni
u mill-għoli tas-sħab leħnu semmagħna
- leħnu safi - iż-żagħżugħ poeta tagħna.

Imwiegħra l-għolja, naf, tal-Poeżija,
iżd'int tiela', u Alla dejjem magħna;
għaddi 'l quddiem, żagħżugħ poeta tagħna.

Ħobb is-sewwa u tibżax: kelmtek sabiħa
ġejja mis-sema u lejn Alla terfagħna:
ilbes ir-rand, żagħżugħ poeta tagħna.

a. Din il-poeżija Dun Karm kitibha biex ifaħħar lill-poeta ________________________ (marka)

b. Fit-tieni strofa l-poeta jqabbel l-għana ma' ______________________________ (marka)

ċ. L-istrofi tal-poeżija jissejħu (i) terzini __ ; (ii) kwartini __; (iii) sestini __. (marka)

d. Il-versi tal-poeżija jissejħu: (i) settenarji __; (ii) novenarji __; (iii) endekasillabi __. (marka)

2. Agħżel **waħda** minn dawn il-poeżiji f'**Aktar Nadriet**: (***Fis-Skiet***, ***Raqdet il-Belt***, ***Iż-Żgħożija***, ***Fjura tas-Sur***, ***Ħabbata***) u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar **20 kelma**.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ (5 marki)

(ii) **Stejjer għal Qabel Jidlam** (6 marki)

1. Fil-ġrajja **It-Tifel tal-Baħar**, Bertu kien tifel ta' familja __________ (fqira, sinjura, numeruża) li tgħix qrib il- ______________ (bosk, baħar, belt).
2. F'**Ix-Xemx fuq it-Tieqa**, meta Oskar għalaq il-kamra fid-dlam, l-______________ (irjieħ, istrumenti, iħirsa) nefħu biex fetħu t-tieqa ħalli d-dawl tax-___________ (xemgħa, xemx, xadina) ikun jista' jerġa' jidħol fil-kamra.
3. F'**L-Ewwel Telefonata**, Kostanzu u Filomena kienu żewġt ________ (itfal, iħbieb, ixjuħ) li rebħu _________ (telefon, teledramm, televixin) fil-fiera tal-kappillan.

(iii) **Jinqabad bid-Drogi** (6 marki)

Agħżel **storja waħda** minn (a) *Ċinzja*, (b) *Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet***,** (ċ) *Monologu: l-aħħar waqtiet ta' Simon ir-Raggae***,** u ikteb **3 sentenzi** fuqha.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(iv) **Stejjer taċ-Ċarrut** (9 marki)

*Fuq karta separata*, ikteb madwar **30 kelma** fuq il-ġrajja ta' **waħda** minn dawn l-istejjer: ***Għeluq Snin Luca, Willie, L-Iskuter, Catullus, it-Twajjeb, Lil Sladjan***

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Għaliex inħobb (jew ma nħobbx) is-sajf.
2. Djalogu bejn lapes u gomma.
3. Waqt logħba futbol.
4. Il-ġnien tagħna.
5. Tassew ħassejtni kburi dakinhar!
6. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-televixin.

